MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2007

Numru. 187/2005

Il-Pulizija

(Spettur Nadia Lanzon)
vs
Annunziato Grixti

Il-Qorti ,

Rat li l-imputat Annunziato Grixti k/a Lorry ta’ 63 sena bin il-mejjet Joseph u Carmela nee’ Gauci, mwieled Birzebbuga fis-26 ta’ Novembru 1939, residenti 32, Warda, Triq il-Haddiema, Birzebbuga u detentur tal-karta tal-identita’ numru 867839 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-21 ta’ Gunju 2003 u fi zmien ta’ qabel din id-data f’ dawn il-Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin minnu u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda, bhala d-detentur tal-fond 32, ‘ Warda’ Triq il-Haddiema, Birzebbuga, jew bhala persuna li kellek

f’ idejk l-istess fond, b’ mezzi qarrieqa, ikkommetta serq ta’ kurrent elettriku ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u skond digriet tal-Qorti tad-9 ta’ Gunju 2005 talli fl-istess zmien ghamel hsara fil-makkinarju u gumni tal-elettriku jew ikkaguna telf ta’ kurrent ta’ l-elettriku li jammonta ghall-mitejn u erbghin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm 240.84). Ukoll talli fl-istess zmien ghamlel jsara jew kisser parti mill-meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti jew apparat jew is-sigilli taghhom liema hsara tammonta ghall-anqas minn ghaxar liri Maltin (Lm10) ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta.

Il-Qorti kienet mitluba li barra li taghti l-piena stabbilita mill-Ligi tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjes tal-esperti mahtura mill-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta’ Frar 2005 (esebit *a folio* 6 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-9 ta’ Gunju 2005 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat ix-xhieda ta’ Ian Vella rapprezentant tal-Korporazzjoni ta’ l-Enemalta (esebita a folio 19 u 20 tal-process), minn fejn jirrizulta li l-imputat hallas l-ammont kollu li kien dovut lejn l-Korporazzjoni ta’ l-Enemalta u ghalhekk l-istess Korporazzjoni kienet qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti ta’ l-imputat.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara l-procediment fil-konfronti ta’ l-imputat bhala ezawrit u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------